MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2005

Talba Numru. 1640/2003

**Elmo Insurance Agency Limited, bhala rappresentanti tas-socjeta' estera Royal & Sun Alliance Insurance plc,**
**surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Mark Schembri u l-istess Mark Schembri**

**Vs**

**Martin Camilleri**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz li fih l-atturi talbu l-hlas ta' tlett mija u hdax-il lira Maltin u tlieta u disghin centezmu (Lm311.93c) rapprezentanti danni f'incident awtomobilistiku ghal liema ncident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba mprudenza, mperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Ra r-Risposta fejn il-konvenut qal li mhux responsabbli ta' dan l-incident.
Ra d-dokumenti esebiti.

Ra l-*Front to Rear Form*.

Ra x-xhieda ta' Wilma Schembri, l-mara ta' Mark Schembri, fejn tghid li dakinhar ta' l-incident kienet passiggiera bit-tarbija fuq wara. Tghid illi meta daru d-dawra ghal Triq il-Kuccard, zewgha waqaf minhabba li kien hemm vettura gejja mill-oppost. Tghid ukoll illi kien dak il-hin meta zewgha qal li l-vettura l-ohra ha tibqa' diehla fihom.

Tikkonferma illi meta sar l-impatt huma kienu wieqfin hekk kif jidher fir-ritratt li esebixxa Mark Schembri. Tghid illi hi ma setghetx tara l-karozza gejja minhabba li kienet fuq wara.

Tikkonferma wkoll illi r-ritratt esebit ingibed dakinhar ta' l-incident izda mhux fil-hin ta' l-incident.

Ra x-xhieda ta' Mark Schembri fejn jikkonferma li qalet martu. Jghid ukoll illi dakinhar ta' l-incident qabel l-impatt, il-konvenut kien qed ihares fuq il-lemin tieghu.

Jikkonferma li l-konvenut baqa' diehel f'nofs il-vettura tieghu.

Jikkonferma wkoll l-iskizz fuq il-*Front to Rear Form*.

Jghid illi l-konvenut kien 'il boghod minnu xi hamsin metru.

Ra x-xhieda tal-Maggur Joseph Mula li jahdem bhala *Claims Handler* mas-socjeta' attrici fejn jikkonferma li s-socjeta' attrici hallset tlett mija u hdax-il lira Maltin u tlieta u disghin centezmu (Lm311.93c) inkluz hamsa u sebghin lira Maltin (Lm75) bhala *excess* li hallas l-attur.

Ra x-xhieda tal-konvenut fejn jghid illi dakinhar ta' l-incident kien gej minn Triq il-Kuccard ghal San Gwann. Bhala passiggiera kien hemm il-mara tieghu. Jghid illi kif

qabez l-i*skips* sab il-vettura ta’ Schembri faccata u sar l-impatt.

Jghid ukoll illi fejn sar l-impatt hemm *sharp bend*. Il-vettura ta’ Schembri raha ftit sekondi qabel ma sar l-impatt. Jikkonferma li Schembri kien wieqaf meta sar l-impatt.

Ra x-xhieda ta’ Inez Camilleri, l-mara tal-konvenut, fejn tghid illi dakinhar ta’ l-incident kienu hiergin ghall-*main road*, daqq il-horn, waqfu u f’daqqa wahda sabu l-karozza ta’ Schembri fuqhom. Tghid illi Schembri gie minn *side street*. Tikkonferma l-iskizz.

Tichad illi l-habta grat fi Triq il-Kuccard. Tikkonferma wkoll illi l-habta saret hekk kif qabzu l-i*skips*.

**Ikkunsidra**

Illi wara l-habta l-partijiet imlew il-*Front to Rear Collision Form*. Illi hadd mill-partijiet m’ghamel rimarki fuq din il-formola dwar kif gara l-incident. Jirrizulta li l-attur kellu l-intenzjoni li minn Naxxar Road, San Gwann jidhol fi Triq il-Kuccard. Il-konvenut kien hiereg minn Triq il-Kuccard. L-attur jghid li hu kien wieqaf u l-konvenut dahal fih. Il-konvenut jghid hemm *sharp bend* u z-zewg vetturi gew faccata ta’ xulxin. Illi m’hemmx dubju li l-attur, li kien se jidhol fi Triq il-Kuccard kellu l-obbligu li jassigura li seta’ jidhol minghajr ma jostakola l-vetturi li diga’ kienu fi Triq il-Kuccard.

Illi fic-cirkostanzi dan it-Tribunal mhux sodisfatt li l-atturi gabu bizzejjed provi biex juru li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident. Ghalkemm l-attur jghid li hu waqaf qabel il-habta ma nizzel xejn f’dan is-sens fil-formola ffirmata minnu ezatt wara l-habta. Meta xehed l-attur qal:

“Ahna dorna mit-triq Naxxar Road…Jiena u diehel…rajt karozza gejja...”

L-attur kellu jara jekk kienx hemm karozzi gejjin qabel ma dahal. Mill-iskizz fil-*Front to Rear Form* ma jistax jinghad li l-konvenut kien responsabbli ghall-incident. (Ara **Citadel Vs Zarb TTZ 1344/03AJD**).

Ghaldaqstant jichad it-talba ta' l-atturi bl-ispejjez kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------